# Pjan Pastorali 2015 – 2017

## Naqsmu l-Ferħ tal-Evanġelju



### Parroċċa San Ġużepp Ħaddiem

### Birkirkara

**ABBOZZ PJAN PASTORALI 2015 – 2017**

# NAQSMU L-FERĦ TAL-EVANĠELJU!

## IL-MISSJONI

li nkunu Poplu ta' Alla, fid-dawl tal-pjan kbir ta' mħabba li għandu l-Missier
li nkunu l-ħmira ta' Alla qalb il-bnedmin
li nħabbru u nwasslu s-salvazzjoni ta' Alla f'din id-dinja tagħna
li nkunu l-post tal-ħniena mogħtija b'xejn, fejn kulħadd jista' jħossu milqugħ, maħbub, maħfur u mħeġġeġ jgħix skont il-ħajja tajba tal-Vanġelu

*Evangelii Gaudium*, 114

## GĦALIEX IL-PJAN PASTORALI?

Biex titwettaq il-missjoni tal-Parroċċa, jeħtieġ li jitfassal ***pjan*** ħalli r-riżorsi umani, spiritwali u materjali fi ħdan il-Parroċċa jiġu ko-ordinati flimkien bl-aħjar mod. Huwa pjan ***pastorali*** għax l-għan aħħari tal-pjan huwa s-servizz spiritwali tal-membri kollha tal-Parroċċa, kemm dawk li jħossuhom qrib ta' Ġesù u kemm dawk li għal diversi raġunijiet jinsabu 'l bogħod minn Ġesù u l-Knisja tiegħu.

F'dan il-pjan għat-tliet snin li ġejjin 2015-17, qed inkunu mdawla mill-Eżortazzjoni Appostolika tal-Papa Franġisku, *Evangelii Gaudium* (2013). Huwa għalhekk li permezz ta' dan il-pjan nixtiequ "Naqsmu l-Ferħ tal-Evanġelju". Bħala komunità, waqt li nkomplu fuq dak li bnejna sa issa, għat-tliet snin li ġejjin se niffokaw l-impenn pastorali tagħna billi nwieġbu għal tliet sfidi prinċipali:

**I. NIĊĊELEBRAW**
**II. NSOSTNU**
**III. NOĦORĠU**

# I. NIĊĊELEBRAW
# Iċ-Ċelebrazzjoni tal-Liturġija

***L-isfida:***

Dan hu l-jum li għamel il-Mulej;
ħa nifirħu u nithennew fih!
(Salm 118, 24)

***Il-Viżjoni:***

Tiċċelebra u tagħmel festa għal kull rebħa ċkejkna, kull pass 'il quddiem fl-evanġelizzazzjoni. Il-Knisja tevanġelizza u tirċievi l-evanġelizzazzjoni mill-ġmiel tal-Liturġija. (*Evangelii Gaudium*, 24)

**L-ewwel mira:** Kull xahar issir Lectio Divina (stil partikulari ta' talb ibbażat fuq il-Kelma t'Alla) bi stedina speċjali għall-ministri kollha involuti fiċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija.

(*Ko-ordinament: Kummissjoni Liturġija*
*Target date: 2016*)

**It-tieni mira:** Grupp żgħir ta' nies jiltaqa' regolarment biex jieħu ħsieb jipprepara u janima quddiesa differenti kull xahar, bil-ħsieb li eventwalment jiġi żviluppat grupp simili marbut ma' kull quddiesa tal-Ħadd.

(*Ko-ordinament: Kummissjoni Liturġija*
*Target date: 2016*)

**It-tielet mira:** Nipprovdu *training* għall-ministri nvoluti fl-animazzjoni tal-quddies sabiex il-kwalità tal-kant u l-qari tal-Kelma t'Alla jitjieb u b'hekk l-esperjenza spiritwali tal-quddies tkun waħda aħjar.

(*Ko-ordinament: Kummissjoni Liturġija*
*Target date: 2015... u ongoing!*)

**Ir-raba' mira:** Tissaħħaħ il-Liturġija tat-tfal fil-quddiesa tal-5.00pm nhar ta' Sibt, u fil-quddiesa tal-11.00am nhar ta' Ħadd, u tiġi provduta formazzjoni regolari lill-ministri konċernati.

(*Ko-ordinament: Kummissjoni Liturġija*
*Target date: Bidu tal-2015*)

**Il-ħames mira:** Twaqqif tal-ministeru tal-*welcoming* u taħriġ apposta għal persuni biex jilqgħu lin-nies huma u deħlin il-knisja.

(*Ko-ordinament: Kummissjoni Liturġija*
*Target date: fażi ta' prova fl-2015*)

**Is-sitt mira:** Twaqqif ta' Kor għat-Tfal u linji gwida biex ikun hemm ko-ordinament bejn dan il-Kor u l-Kor Parrokkjali.

(*Ko-ordinament: Kummissjoni Liturġija*
*Target date: Bidu tal-2015*)

**Is-seba' mira:** Naħdmu biex il-knisja tkun verament *Dar tat-Talb*.

(*Ko-ordinament: Kummissjoni Liturġija*
*Target date: marbuta mal-miri l-oħrajn kollha!*)

**It-tmien mira:** Tissaħħaħ l-esperjenza ta' liturġija animata bi stil li jappella għaż-żgħażagħ.

(*Ko-ordinament: Kummissjoni Liturġija, Band Żgħażagħ*
*Target date: 2015*)

**Id-disa' mira:** Jiġu animati aħjar iċ-ċelebrazzjonijiet tal-funerali.

(*Ko-ordinament: Kummissjoni Liturġija*
*Target date: 2016*)

**l-għaxar mira:** Isir studju ta' kemm persuni jieħdu sehem fil-quddiesa tal-Ħadd fit-territorju parrokkjali tagħna, minn liema lokalità ġejjin u b'liema motivazzjoni jersqu lejn l-Ewkaristija. Fuq bażi ta' Unità, tiġi studjata l-possibiltà li, speċjalment matul il-ġimgħa, jkun hemm Quddiesa f'ħin li jirrispondi għal-*life-style* tal-lum.

(*Ko-ordinament: Kummissjoni Liturġija*
*Target date: 2015*)

**Il-ħdax-il mira:** Jiġu stabbiliti ħinijiet fissi matul il-ġimgħa fejn ikun hemm is-servizz ta' qrar u direzzjoni spiritwali.

(*Ko-ordinament: KPP, Presbiterju Parrokkjali*)

## II. NSOSTNU
## Il-ħidma pastorali mal-familja

***L-isfida:***

Il-familja, bħall-komunitajiet u r-rabtiet soċjali l-oħra kollha, għaddejja minn kriżi kulturali qawwija. Fil-każ tal-familja, id-dgħufija tar-rabtiet issir partikularment gravi għax hawn għandna ċellula fundamentali tas-soċjetà, l-imkien fejn nitgħallmu ngħixu bid-differenzi ta' bejnietna u nkunu ta' xulxin u fejn il-ġenituri jgħaddu l-fidi lill-ulied. It-tendenza saret li nħarsu lejn iż-żwieġ bħala sempliċi forma ta' gratifikazzjoni affettiva li jista' jinbena bi kwalunkwe mod u jitbiddel skont kif iħossha dak li jkun. (*Evangelii Gaudium*, 66)

***Il-Viżjoni:***

Bħala komunità jkollna l-kapaċità li nħarsu madwarna, nagħtu ruħna ħalli ngħassu fuq is-sinjali taż-żminijiet u b'responsabbiltà nippruvaw insibu soluzzjonijiet tajbin għall-familja. (ara *Evangelii Gaudium*, 51)

**L-ewwel mira:** Jiġu pprovduti opportunitajiet ta' formazzjoni għall-kategoriji differenti ta' persuni, inklużi koppji miżżewġa u familji bi tfal żgħar jew adolexxenti.

(*Ko-ordinament: Kummissjoni Familja,*
*Kummissjoni Formazzjoni Nisranija*
*Target date: nibdew mill-2015, mifrux fuq 3 snin*)

**It-tieni mira:** Jitwaqqaf grupp ta' sapport għall-persuni separati.

(*Ko-ordinament: Kummissjoni Familja,*
*Kummissjoni Djakonija*
*Target date: Jiġi diskuss fuq livell ta' unità*)

**It-tielet mira:** Isiru laqgħat ta' *follow-up* mal-familji f'għeluq is-sena li jkunu ressqu lit-tarbija għall-magħmudija.

(*Ko-ordinament: Kummissjoni Familja*
*Target date: bidu tal-2015*)

**Ir-raba' mira:** Isir kuntatt bħala *welcoming* ma' residenti ġodda fil-parroċċa tagħna.

(*Ko-ordinament: KPP, Kummissjoni Familja*
*Target date: 2016*)

**Il-ħames mira:** Jitwaqqaf grupp ta' sapport għall-persuni romol.

(*Ko-ordinament: Kummissjoni Familja,*
*Kummissjoni Djakonija*
*Target date: jiġi diskuss fuq livell ta' unità*)

**Is-sitt mira:** *Social Workers* ikunu bbażati fiċ-Ċentru Parrokkjali f'ċerti ħinijiet u ġranet għad-dispożizzjoni tal-parruċċani għal għajnuna u pariri.

(*Ko-ordinament: Kummissjoni Djakonija*
*Target date: 2016*)

**Is-seba' mira:** Isir ristrutturar tal-Kummissjoni Familja u l-Kummissjoni Djakonija biex ikunu jistgħu jaqdu aħjar il-ħtiġijiet tal-parruċċani.

(*Ko-ordinament: Kummissjoni Familja,*
*Kummissjoni Djakonija*
*Target date: 2015*)

## III. NOĦORĠU
## Il-ħidma pastorali ma' dawk fil-periferija

*B'periferija qed nifhmu kemm dawk il-persuni li joqogħdu 'l bogħod miċ-ċentru territorjali tal-Parroċċa, u kemm – u b'aktar emfasi – dawk il-persuni li għal diversi raġunijiet jinsabu spiritwalment 'il bogħod mill-Knisja.*

***L-isfida:***

Kull Nisrani u kull komunità trid tiddixxerni dwar liema hi l-mixja li l-Mulej qed jitlob, imma kollha aħna msejħin biex nilqgħu din is-sejħa: noħorġu mill-kumditajiet tagħna u jkollna l-kuraġġ li nilħqu l-periferiji kollha li għandhom bżonn id-dawl tal-Vanġelu. (*Evangelii Gaudium*, 20)

***Il-Viżjoni:***

Il-Knisja li "toħroġ" hi l-komunità ta' dixxipli missjunarji li jieħdu inizjattiva, li jinvolvu ruħhom, li jsieħbu lil oħrajn, li jagħmlu l-frott … hi taf tmidd l-ewwel pass, taf tieħu l-inizjattiva bla ma tibża', toħroġ tiltaqa' mal-oħrajn, tfittex lil min hu mbiegħed u tasal sa salib it-toroq biex tistieden lill-imwarrbin. (*Evangelii Gaudium*, 4)

**L-ewwel mira:** Jiġu organizzati mumenti ta' talb fi żminijiet differenti tas-Sena Liturġika f'żoni/toroq meqjusa fit-truf tal-Parroċċa, b'involviment tar-residenti stess.

(*Ko-ordinament: Kummissjoni Liturġija*
*Target date: 2016*)

**It-tieni mira:** Jiġu ffurmati lajċi biex ikunu jistgħu jaqsmu l-Aħbar it-Tajba permezz ta' żjajjar fid-djar.

(*Ko-ordinament: Kummissjoni Formazzjoni Nisranija,*
*Leġjun ta' Marija, Grupp Kariżmatiku*
*Target date: 2016*)

**It-tielet mira:** Tissaħħaħ il-preżenza tal-Parroċċa *online* u tinżamm aġġornata biex l-Aħbar it-Tajba titwassal ukoll permezz tas-*social media*.

(*Ko-ordinament: Kummissjoni Formazzjoni Nisranija, Grupp Media*
*Target date: 2015*)

**Ir-raba' mira:** Isiru laqgħat għall-kategoriji ta' persuni meqjusa fil-periferija, bħalma huma ż-żgħażagħ, fejn l-għan prinċipali jkun li *nisimgħu* lill-persuni konċernati u noffrulhom il-ferħ tal-Evanġelju.

(*Ko-ordinament: KPP, Kummissjoni Formazzjoni Nisranija*
*Target date: 2017*)

**Il-ħames mira:** Isir *budgeting* ċar ta' fondi mill-Parroċċa b'riżq familji u persuni meqjusa fil-bżonn.

(*Ko-ordinament: Kunsill Ekonomiku*
*Target date: sa mill-2015*)

**Is-sitt mira:** Jiġi offrut taħriġ għall-persuni mill-Parroċċa biex "jadottaw" anzjani/persuni li jgħixu weħidhom.

(*Ko-ordinament: Kummissjoni Djakonija, Grupp Kariżmatiku, Leġjun ta' Marija*
*Target date: 2015*)

**Is-seba' mira:** Tiġi studjata r-realtà ta' persuni barranin fil-Parroċċa u kif nistgħu nkunu komunità aktar *welcoming* għalihom.

(*Ko-ordinament: Kummissjoni Attivitajiet Soċjali*)

**It-tmien mira:** Jiġi żviluppat il-ministeru ta' kuntatt u sapport mal-ħabsin, speċjalment dawk mill-parroċċa tagħna.

(*Ko-ordinament: Grupp Kariżmatiku*
*Target date: 2016*)